# Dimech

Karl Littlejohn

*Il-moħqrija u l-jasar ineħħu l-ħila ta' dak l-imsejken li jkun taħthom, u jġibuh fi stat li huwa stess ma jgħoddx iżjed ruħu b'nies.*[1]

Għal Pierre l-ikla ta' filgħaxija dejjem kienet taħbat mal-bulettin tal-aħbarijiet tat-tmienja. Darba fost oħrajn waqt li kien qed jaqsam kisra ħobż biex ibillha fil-meraq taċ-ċanga li kien għadu kemm kiel, fuq it-televiżjoni kienet qed tiġi rrappurtata l-aħħar protesta ambjentali fil-pajjiż. Fuq l-iskrin, folla ta' madwar sitt mitt ruħ b'kartelluni :'Insalvaw pajjiżna', 'Artna mhux tal-ispekulatur', 'Qażżistu lil kulħadd', fost oħrajn.

F'nofs ir-roundabout quddiem Kastilja. Dejjem fid-dell. Protett mill-qilla tax-xemx. Protett mis-siġra Maltija li tingħata l-ħajja mill-għeruq li ppenetraw sew f'qiegħ l-art. L-art li kattritha u sqietha bin-nutrijenti ħalli tkun tista' tikber u tibbrilla bil-ħdura tagħha quddiem Kastilja, fiċ-ċentru tal-belt Kapitali Maltija. Mhux li kien li din il-protezzjoni kienet mogħtija lilu fl-eqqel ta' ħajtu, meta ried juri d-dawl lil min kien jgħix fid-dlam. X'tatu lura l-art Maltija dakinhar għajr skomunikazzjoni mill-iktar istituzzjoni b'saħħitha; jew serje ta' bojkotts minn dawk li kellhom interess biex iżommulu ħalqu magħluq? Min kien jistagħna, kien jaqa' u jqum mill-faqar u l-illitteriżmu li kien jinsab fih il-poplu u allaħares kien ikun hemm xi ħadd li kien

1 Il-Bandiera tal-Maltin, 22 ta' Jannar 1898.

jazzarda jiftaħ għajnejn il-poplu biex jesponih għad-dawl. Imqar raġġ ta' dawl. Fi żminijietna differenti. Tawh il-protezzjoni, għamlulu s-siġar biex jipproteġuh mix-xemx; jew forsi riedu jipproteġuh mill-fama biex ma jżurux il-monument tiegħu n-nies. Iżommuh moħbi biex il-Maltin ta' żminijietna ma jiftakrux fih; iħalluh mistur bħalma kien sa ċertu punt f'ħajtu. Anke mewtu kważi nżammet mistura. Ma ġiex midfun fl-art li ried jara ħielsa, ħielsa f'kull sens. Manwel Dimech. Allura ftit taż-żmien ilu kienu ddeċidew li jagħmlu proġett quddiem Kastilja. Il-pjan kien li jwarrbu r-roundabout min-nofs, iqaċċtu s-siġar u jimmodernizzaw il-pjazza ħalli b'hekk iżidu fetħa oħra. Imma hu ġie mikxuf u d-dettalji tal-monument tiegħu ħarġu aħjar. Ma ġiex stabbilit jekk hux bi sfida, koinċidenza jew xi motiv ieħor, imma ġie jħares lejn Kastilja: Il-simbolu tal-poter Malti f'dawn l-aħħar erba' deċennji. Poter li ġie trasferit minn jum għal jum u biddel l-għamla tiegħu. F'idu gazzetta mgħollija 'l fuq, iħares 'il fuq bit-tama li jara l-qawmien ta' poplu. Il-pjazza nkixfet sew.

It-Turisti jgħaddu ta' spiss minn quddiemu u jistaqsu dwaru biex jegħlbu l-kurżità. Darba minnhom koppja Ġermaniża waqfet student Malti li deher struwit. L-istudent ma kellux ħjiel ta' min kien il-mafkar u għalhekk tefa' xi kumment għal sieqU u qal '*He's a Maltese writer I guess, or a politician. But I am not sure. Never heard about him*'. Dawn il-kummenti Dimech semagħhom sew. Kellu jisma' li ma jridx. Imwaqqaf u iebes bħal statwa (għax hu monument), ried li joħroġ minn ġo fiha u jaqbad liż-żagħżugħ minn xagħru u jwissih dwar id-dawl li għandu bżonn jara. L-ebusija tiegħu ma fissritx li huwa statiku, li ma jitħarrikx. Kien biss iebes għax fassluh. Tawh għamla biex ifakkruh.

F'dawn l-aħħar snin kienu ħaduha drawwa li gruppi ta' adolexxenti jitlajjaw u jħufu fil-Belt. Żgħażagħ ta' Malta kontemporanja li tissielet u tistinka biex tlaħħaq mal-pajjiżi li raw id-dawl. Kienu jintefgħu fit-taraġ ta' maġenb il-parlament il-ġdid wara li jkunu ħartu l-Belt kollha. Gruppi mħalltin sew ta' tfajliet u ġuvintur li għadhom fl-istadju li jasserixxu l-identità tagħhom u jesponu t-toroq Beltin għal dak li huma ħalli d-dinja tirrikonoxxi l-eżistenza tagħhom. Żmien

kemxejn antipatiku li sfortunatament dawk li ħarġu minn din il-fażi f'ħajjithom nesewha u jġibu ruħhom qishom il-puritani ta' din id-dinja. Diskors ieħor apparti. Darba fost l-oħrajn żewġ żgħażagħ bl-isem ta' Kimberley u Sam li kienu ilhom joħorġu flimkien ftit xhur għaddew minn quddiemu b'ċikka. Mhux soltu tagħhom li jgħaddu minn quddiem Kastilja, imma ġiethom il-kurżità ħalli jesploraw partijiet oħra tal-Kapitali.

Wara li qattgħu xi ħin ħdejn ix-xatt tal-Belt fettlilhom jibdew mexjin u jgħaddu minn fejn Kastilja. B'ras Kimberley kemxejn imħeddla, huma u mexjin tefgħet rasha fuq spallet Sam u l-pass li qabdu ġie iktar kajman. Minkejja l-ħedla, Kimberley kienet f'burdata antipatika wkoll li tistaqsi kull ħaġa li jiġi għal moħħha. Għaddew minn quddiemu u riedet tieqaf.

"Dak min hu hemm?"

"Issa jien naf. Ejja ħa mmorru. Hawn bard."

"U le. Ara kemm hu sabiħ."

Id-dawl ħiereġ minn warajh ħalla impatt fuq il-viżjoni li bdiet tara Kimberley. Id-dawl. Id-dawl li tant tħambaq fuqu fil-kitbiet tiegħu u li ried jarah f'kull qalb tal-Maltin ħalli jiggwidahom fil-ħolqien ta' Malta. Kien id-dawl stess li tefgħu fid-dlamijiet ta' ħabs f'Lixandra. Imma issa għamlulu d-dawl. Ħalli jixgħel. Ħalli jinħoloq id-dell tiegħu matul il-lejl, fejn idu bil-gazzetta tidher itwal qisha trid tilħaq it-twieqi ta' Kastilja, u tibqa dieħla u tħalli l-impatt tagħha hemm.

"Dak mhux xi kittieb jew hekk. Issa ara fejn naf."

"Dak Manwel Dimech. Għamilna fuqu l-iskola. Sewwa qaltilna l-Miss mela li l-monument tiegħu qiegħed il-Belt. Ejja mmorru narawh."

"E dak Manwel Dimech? Il-kuġin iħobbu. Id-darba l-oħra ġie b'salt kotba minn tiegħu u qalli li kien il-bidu ta' rivoluzzjoni Maltija. Imma l-kuġin tiegħi xejn sew. Qal li jrid jimxi fuq il-ħsibijiet ta' Dimech biex tinħoloq ir-rivoluzzjoni Maltija t'issa."

"Kuġinuk tal-ostja."

"Ma naħsibx, dejjem joħlom narah."

"Dimech kellu kuraġġ kbir. Għalhekk jogħġobni."

Iż-żagħżugħ ma riedx ikompli din id-diskursata f'lejl xitwi u riħ qawwi mit-Tramuntana.

"Issa mmorru?"

"Le, stenn. Ħa mmur ħdejh."

Il-ħedla li kellha għosfrot u bdiet miexja b'pass mgħaġġel lejn il-monument tiegħu. Kif bdiet riesqa lejh, id-dell tiegħu kompla jikber filwaqt li persuntu ħadet sura oħra. Waqfet tiċċassa lejh. Tammirah. Wara ftit sekondi tosservah qisha baqgħet imbellha riedet tissokta b'diskursata fuqu.

"Dan Manwel Dimech. Naħseb dik t'idu hi l-gazzetta li kien joħroġ fi żmienu. Insejt x'kien jisimha."

"Kim, ejja ħa mmorru. Mhux qed tħoss bard?

"Qed nitkellmu fuq Dimech li ..."

"Ara jien tlaqt. X'għala biebi minn Dimech u ż-żummara ta' gazzetta tiegħu. Ejja nimxu."

F'dik il-ħemda u l-ksieħ, ra din ix-xena quddiemu ta' tfajla u ġuvni jilletikaw fuqu. Ra l-kisra f'għajnejn it-tfajla li riedet issir taf iktar dwaru, u l-ġuvni diżinteressat sforz nuqqas ta' konoxxenza. Il-ġuvni beda miexi u hi baqgħet hemm tħares lejh. Kieku ma kienx sempliċement monument iebes f'Malta 2018 xtaq jgħannaq lil dik ix-xbejba li ra fiha potenzjal għal ħsibijiet rivoluzzjonarji f'każ li jkollha opportunità li timraħhom. Ra l-qasma tal-adolexxenti ta' Malta kontemporanja; f'Malta mseddqa b'dak kollu li għamlu missirijietha, ta' adolexxenti li, jekk iridu, jaqilbu d-dinja b'dak kollu li hemm madwarhom. Ried iwissi lil ġuvni Sam huwa u miexi b'dahru lejn il-monument, dwar id-dawl li għandu bżonn jara. Iż-żagħżugħ beda jdur sakemm għeb għalkollox fl-inħawi tal-monument ta' Boffa. It-tfajla daret bil-mod bl-aħħar ħarsa ta' kisra lejn wiċċ Dimech. Qabdet miexja b'ħeffa ħalli tilħaq lil Sam. Fi pjazza vojta quddiem Kastilja, il-mafkar iebes baqa' jħares 'il fuq bil-gazzetta f'idu bit-tama li jitfaċċa proxxmu Malti li juri raġġ ta' tama, ta' dawl.

X'iktar? Is-sena 2021. Is-sena ta' taqlib kbir ekonomiku minħabba l-pandemija globali. Kull rokna tad-dinja mibdula, maqluba u tipprova

ssalva biex tlaħħaq mal-esiġenzi ġodda. L-attiviżmu f'dawn l-aħħar snin ma kienx naqas minkejja l-protokolli ġodda li ġew fis-seħħ. Imma s-sena 2021 kellha timmarka ħaġa oħra importanti. Kienet il-mitt sena minn mewtu. Minn mewt Dimech. Ma mietx f'artu għax ma ħallewhx. Lejn tmiem ħajtu ċaħħduh minn dawl artu. Fis-sena 2021 riedu jikkommemorawh kif setgħu. Kulħadd ried jiċċelebrah, ifakkru. Kulħadd lagħabha ta' Dimechjan. Kulħadd għokritu għajnu dwar l-inġustizzji u l-faqar. L-ikbar attività saret fi Pjazza Kastilja ħdejn il-monument. Prodotturi lokali ħolqu filmati, dokumentarji. L-artisti anke pittruh. Dawn kollha ntwerew f'din is-serata speċjali bl-isem ta' *100 sena*. Ra l-folla tinġema' bi ħġarha biex tara, tisma' u tindaga fuqu. Imma ra wkoll karattri li ma jagħtux ġieħ lil dik l-attività. Iktar ma beda jgħaddi l-ħin, iktar beda jara minnhom. Minn kull settur tista' tgħid. Iżda l-apiċe ntlaħqet kif tela' karattru partikolari fuq il-podju, jippoża u jobżoq il-kliem dwar l-eradikazzjoni tal-faqar u l-illitteriżmu. Hawnhekk ma felaħx iktar. Agħar minn hekk il-folla ċapċpet. Iktar u iktar għall-fatt li ma ntebħitx u baqgħet fil-għama. Hawnhekk dik l-istatwa bil-gazzetta f'idha mgħollija 'l fuq tħarrket mingħajr ħadd ma ntebaħ, iżda mal-ewwel ġiet f'postha u kompliet fil-funzjoni tagħha ta' monument iebes.

Kien propju nhar is-17 t'April 2021 fejn Malta kollha xegħlet bl-ikbar aħbar minn żmien l-ewwel każ li feġġ tal-COVID-19. Rapporti online fuq gazzetti lokali jirrappurtaw bi prominenza li l-monument ta' Manwel Dimech f'Misraħ Kastilja għosfor; m'għadux hemm. Baqa' biss il-pedestall b'ismu mnaqqax. Il-pajjiż waqaf għal ftit bit-teoriji li bdew ħerġin. L-ikbar suspett kien fuq serqa tal-monument. Xi wħud opponew din it-teorija u ħarġu bl-argument li l-istat kien involut. Li kien hemm cover up li nsterqet bil-għan li titħassar il-memorja tiegħu. Il-konferenzi stampa tal-ġurnata ġew indirizzati kollha mill-awtoritajiet responsabbli, saħansitra mill-Ministru kkonċernat. Kollha saħqu b'vuċi waħda dwar dan l-att vandalu u irresponsabbli, u li dawk li wettquh daqt se jsibu l-ħaqq mill-istituzzjonijiet tal-ġudikatura.

Il-ġimgħat bdew igerbu, il-monument mgħosfor kien u mgħosfor baqa'. Il-prominenza naqqset, u n-nies draw jgħaddu minn quddiem Kastilja b'pedestall biss iċċirkondat b'żewġ pulizija u tejp uffiċjali tal-Korp daqslikieku sar wieħed mill-akbar omiċidji tas-seklu. Imma darba fost l-oħrajn, qisu tliet xhur wara, persuna mhux magħrufa bdiet tgħolli leħinha fi Pjazza Reġina eżattament taħt l-arkati.

"Ili mitt sena nieqes u issa rġajt ġejt biex nifdikom. Kelli nkun propju hawn fl-1919, imma d-destin ma ħamilx għax kienu tefgħuni inġustament f'art oħra." U kompla jitkellem dwar l-edukazzjoni, dawl u mhux dawl, oppressjoni, emanċipazzjoni u baqa' sejjer l-isbaħ siegħa. F'mumenti minnhom qal li hu Manwel Dimech.

Dawk li kienu għaddejjin waqfu għal ftit u komplew fi triqthom, bir-rutina ta' kuljum, b'rashom baxxuta u ma jaħsbu xejn iktar, għajr l-aħħar kliem li beda jidwi minn dik il-persuna taħt l-arkati. Ħsieb ta' massimu għoxrin sekonda u jintesa kollox. Il-ħajja kompliet. Min jissielet bil-kliem fil-qorti, fil-post tax-xogħol, fil-kamra tas-sodda, u min fil-parlament. L-eku ta' dak ir-raġel li qal li hu Dimech xtaq jidwi mal-gżejjer tagħna kollha u jirbombja kemm jiflaħ. Wara ftit, persuna waħda biss marret tkellmu u saħansitra emmnet li kien Dimech għax huwa eżatt kif jidher fir-ritratti. Imma kien biss ftit tal-ħin wara li l-pulizija tal-lokal marru jkellmu lil din il-persuna biex tieqaf għax bdiet tikser il-paċi pubblika u li ma kien inħareġ l-ebda permess biex isir xi corner meeting dak il-ħin. Irreżista, u kellu jittieħed l-għassa biex joħdulu d-dettalji.

... u l-gżejjer tagħna daħlu fil-lejl, u komplew bil-ħemda tagħhom dakinhar, u fil-jiem u x-xhur ta' wara. Il-pedestall f'Misraħ Kastilja sar ornament u wara ftit ġimgħat tneħħew il-pulizija u t-tejp uffiċjali tal-Korp. Kien ġie mħabbar li se jsir monument ieħor ta' Dimech. Din id-darba mhux b'gazzetta f'idu mgħollija 'l fuq.

*L-ebda idea jew sitwazzjoni f'din in-novella ma jirriflettu l-ħsibijiet tal-awtur. Il-karattri huma fittizji u maħluqa mill-ħiliet kreattivi tal-awtur.*